KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

1 ta' Novembru 2011

# LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL

Is-Sindku sejjah il-Laqgha Straordinarja tal-Ħames Kunsill Lokali Floriana li nzammet nhar **il-Gimgha 28 ta' Ottubru 2011 fil-5.30pm**.

Il-laqgha straordinarja tal-Ħames Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv
2. Hatra tas-Segretarju Ezekuttiv il-gdid.

Ghal-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat. Il-Vici Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv

1.1 Is-Sindku spjega lill-Kunsill irid jaghti il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv li ghadu kemm spicca mill-kariga u nforma li jistghu jiddeciedu ghall-persentagg bejn 5% u 10%.

1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghti l-massimu tal-persentaggi applikabbli tal-performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv peress li s-Sur

Brincat dejjem hadem aktar mill-aspettiva tal-Kunsill, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 4 ( SSH, ET, NH, VB)
Kontra: 0
Astesjonijiet: 0

1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv K.Brincat ha l-opportunita' biex jirringrazzja lill-Kunsill tal-fiducja fil-hidma tieghu kemm meta kien jahdem fil-Kunsill Lokali Floriana kif ukoll wara t-trasferiment tieghu.

1.4 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni dwar il-fatt li hu ghad fadallu numru ta' leave li ma jafx jekk jintirtux ghal ghand il-Kunsill Lokali il-gdid jew jithallasx taghhom mill-Kunsill Lokali Floriana. Huwa qed jistenna li risposta mid-Dipartiment dwar dan. Intant, huwa rrefera ghat-talba li kien ressaq fit-3 ta' Ottubru biex bilanc ta' 24 jum jigu akkumulati ghas-sena d-diehla. Il-Kunsill approva li dawn jigu akkumulati ghas-sena ta' wara.

## 2. Hatra tas-Segretarju Ezekuttiv il-gdid

2.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi spjega li wara kienu inzammu l-intervisti mal-applikanti li applikaw u li qeghdin fuq il-lista tal-Pool ipprovduta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Bord tal-Ghazla kien ghamel l-evalwazzjoni tieghu ibbazata fuq il-kwalifiki, l-personalita', gharfien tal-kariga, u l-esperjenza .

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex jintaghzel is-Sur Svetlic J. Flores peress li ghandu l-kwalifiki necessarji u l-abiltajiet mixtieqa, filwaqt li waqt l-intervisti kien l-aktar kandidat li wera li ghandu l-ahjar personalita' u l-attribwiti addattati ghall-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali Floriana, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex it-tieni kandidat ippreferut wara s-Sur Svetlic J. Flores f'kaz li dan ma jaccettax il-kariga, ikun is-Sur Mark Mallia, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)

Kontra: 2 (VB, SSH)

Astensjonijiet: 0

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq kontro-mozzjoni biex it-tieni kandidat ikun is-Sur Victor Scerri, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, SSH)

Kontra: 2 (NH, ET)

Astensjonijiet: 0

Ghalhekk, il-Kunsill qabel li s-Sur Mark Mallia ghandu jkun it-tieni ghazla tal-Kunsill f’kaz li s-Sur Svetlic J. Flores jirrifjuta l-kariga ta’ Segretarju Ezekuttiv. Madanakollu, l-Kunsill qabel li bhala ghazla ghat-tielet kandidat f’kaz li jirrifjutaw t-tnejn ta’ qablu, jkun is-Sur Victor Scerri.

2.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-ghazla tieghu mill-aktar fis sabiex il-Ministru ikun jista’ jahtar lis-Sur Svetlick J. Flores bhala Segretarju Ezekuttiv il-gdid malajr kemm jista’ jkun.

Il-laqgha ntemmet fis-18.20.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Agent Segretarju Ezekuttiv |